MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 968/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian Joseph Abdilla]**

**vs**

**Dr Philip Said LL.D.**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dr Philip Said LL.D. detentur tal-karta tal-identita` numru 781052(M).

Akkuzat talli f'Awwissu 2012, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita` tieghu ta' Nutar Pubbliku, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet

mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-konjugi Paul Vella u Nikolina Vella, tal-konjugi Carmel Saliba u Carmen Saliba, ta’ Sario Saliba u ta’ Antoine Saliba, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsri uzu minnha specifkat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, fil-kapacita` tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmijiriet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor;

3. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsisrx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali li bihom ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u wara li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti kif komposta tisma’ u tiddeciedi l-kaz tieghu.

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat ksur ta’ doveri tal-imputat bhala nutar pubbliku ta’ Malta fejn kien gie fdat xi

flus minn terzi persuni sabiex isir kuntratt pubbliku u dan skont huma, qatt ma esegwixxa tali kuntratt.

Semghet ix-xhieda tal-prosekutur Ian Abdilla fejn ta' l-verzjoni tal-fatti fejn certu Paul Vella biegh propjeta` lil certu Sario Saliba li sar quddiem l-imputat bhala nutar pubbliku. Bhala konsegwenza ta' dan il-kuntratt, Vella kien hallas lin-nutar is-somma ta' €1,680 bhala capital gains u Saliba hallas is-somma ta' €700 bhala taxxa fuq id-dokumenti. Irrizulta li Vella qatt ma rceva l-ircevuta relattiva u dan mar ghand l-ufficcju tal-'capital gains' fejn dawn qalulu illi dan il-kuntratt qatt ma gie rregistrat u konsegwentement it-taxxa qatt ma thallset.

Nel frattemp, omm Sario Saliba giet ukoll infurmata illi kien hemm zewg kuntratti ohra maghmulin mill-imputat li wkoll ma kienux gew insinwati. Dawn kienu kuntratt ta' donazzjoni li kien sar fl-2010 fejn il-genituri ta' Sario Saliba u Sario u huh u kuntratt iehor tal-1989 fejn il-genituri Saliba kienu xtraw ir-residenza taghhom minn certu Emely Vella. L-ispettur Abdilla kkonferma mal-ufficcju tal-'capital gains' illi effettivament dawn it-taxxi ma kienux thallsu.

Illi pero` rrizulta wkoll illi n-nutar Philip Said effettivament hallas dak kollu li kellu jhallas bhala taxxi dovuti fuq il-kuntratti mertu tal-kawza odjerna fid-disgha (9) ta' Ottubru 2012 u cioe` ezatt kif bdew il-proceduri odjerni.

Illi semghet ix-xhieda ta' Paul Vella, Carmen Saliba, Carmel Saliba, Sario u Antoine Saliba li kollha kkonfermaw li kienu ghamlu xi kuntratti ghand in-Nutar Said u li ftit wara ndunaw li dawn il-kuntratti ma thallsux it-taxxi fuqhom u fejn huma kienu ta' sikwit jikkuntattjaw lill-imputat u hu jkun evaziv jew adirrittura ma jirrispondix ghat-telefonati taghhom.

Semghet bir-reqqa x-xhieda tal-imputat Dr. Philip Said li ta d-depozizzjoni tieghu fis-sittax (16) ta' Settembru 2013. Illi fuq il-kuntratt tal-konjugi Saliba ma' uliedhom, huwa spjega illi qamet kwistjoni ta' cens jekk kienx mifdi jew le. Il-konjugi Saliba kienu qalulu illi dan kien mifdi izda hu

kellu d-dubji tieghu. Illi meta mar sabiex ifittex dan il-kuntratt ta' fidi ma' setax isibu izda wara xi zmien mill-pubblikazzjoni, huwa sabu mifdi b'cedola ta' fidi. Izda rrizultalu wkoll illi dan ma kienx semplicement cens semplici izda parti cens temporanju u parti qbiela. Ghaldaqstant, l-imputat induna illi parti minn din il-gardina kienet mifdija u l-parti tal-qbiela ma kienitx.

Illi l-imputat jixhed ukoll illi peress li l-konjugi Spiteri riedu li z-zewgt itfal taghhom ikollhom sehem indaqs, kif irrizultaw l-affarijiet dan ma sehhx peress li parti kienet mifdija u l-parti l-ohra le. Illi nel frattemp Paul Vella; li kien il-venditur tal-gardina, beda jcempillu u jheddu ghax ovvjament induna illi dan kien ghadu ma giex insinwat u t-taxxi ma thallsux. L-imputat jghid illi dan hadlu diversi xhur sakemm ma baghat ghalih l-Ispettur Abdilla. Illi l-imputat esebixxa il-kuntratti relattivi li gew finalment insinwati.

Illi finalment l-imputat spjega illi meta il-partijiet tawh ic-cekkijiet tat-taxxi relattivi, huwa jiddepozithom f'operating account fejn idahhal ic-cekkijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kuntratti li jippubblika bhal ma jaghmel kull professjonist iehor bhalu.

Illi l-Qorti hawnhekk ghandha l-kompitu li tara li dak li naqas jaghmel l-imputat bhala nutar pubbliku, jekk dan kienx maghmul b'malizja u cioe` jekk l-imputat riedx iqarraq bil-klijenti tieghu meta javdawlu l-flus taghhom. Illi din il-Qorti, wara li rat l-assjem tal-provi migjuba, ghalkemm thoss li l-imputat kien daqsxejn negligenti meta halla dawk ix-xhur jghaddu sabiex jinsinwa dawk iz-zewg kuntratti u aktar jew aktar meta jghid illi kompletament nesa il-kuntratt tal-1989 ghaliex dak iz-zmien ommu kienet qeghda tmur, u meta l-anqas jaghti daqsxejn ta' informazzjoni lil min jitlobulu, dan zgur mhuwiex denn ta' professjonist bhalu in kwantu ufficjal pubbliku. Pero` jibqa' l-fatt li dan ma jammontax ghal ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex wara li semghet lill-imputat jixhed, il-Qorti hi sodisfatta li ma kien hemm l-ebda qerq jew mala fede min-naha tieghu u ghalhekk m'ghandux jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 23, 31, 293, 294, 310, 138, 141 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux qed issib lill-imputat Dr. Philip Said hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------